## 29 ta' Marzu, 1957

## Imħallfin:—

## Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
## Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Henry Pace et ne. *versus* Antonio Portanier et.

### Azzjoni Pawljana jew Revokatorja — Lokazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji

*Il-kondizzjonijiet li jridu jirrikorru għall-ammissibilità tal-azzjoni pawljana jew revokatorja huma tnejn: l-att għandu jkun ta' preġudizzju lill-kredituri u jrid ikun ġie magħmul bi frode.*

*Biex l-att ikun ta' preġudizzju lill-kredituri, jeħtieġ li jikkonkorru tliet rekwiżiti: li d-debitur ikun insolvibbli; li l-insolvibilità tkun tirriżulta, almenu in parti, mill-att impunjat, jiġifieri li l-att ikun ikkawża jew aggrava l-insolvenza tad-debitur, billi jkun iddiminwixxa l-patrimonju tiegħu; u fl-aħħarnett illi l-kreditu li minħabba fih l-att jiġi mpunjat ikun ta' data anterjuri għall-att.*

*In kwantu għat-tieni element, il-frode hi dejjem neċessarja fid-debitur; u hija neċessarja wkoll fit-terz meta dan ikun ittratta mad-debitur b'titolu oneruż.*

*Fil-każ preżenti, l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba għar-revoka ta' lokazzjoni magħmula mid-debitur tal-attur lil terza persuna, għax irriteniet li kienu jirrikorru l-elementi kollha tal-azzjoni revokatorja; iżda l-Qorti tal-Appell sabet li ma kienx jirrikorri l-element tal-preġudizzju tal-kreditur attur f'dik il-lokazzjoni, u għalhekk irrevokat is-sentenza tal-Ewwel Qorti. Però, billi l-kwistjoni ġiet ikkjarata fl-istadju tal-appell, mentri l-provi fl-ewwel istanza kienu jiġġustifikaw l-azzjoni, għamlet temperament fil-kap tal-ispejjeż.*

Il-Qorti—Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi l-konvenut Portanier kera lil Victor Pirotta l-bar tal-Orpheum Theatre, Gżira, bil-kera ta' 5s. kulljum għal erba' snin mill-1 ta' Settembru 1955; u illi dan sar in frode tal-krediti tal-esponenti għaċ-ċens ta' £200 fis-sena fuq it-tliet kwarti tal-istess Orpheum Theatre u tal-kreditu ta' £750 fis-sena għall-kera tal-kwart l-ieħor, u waqt li l-istess Pirotta kien jaf li Portanier ma kienx qiegħed iħallas la ċ-ċens u lanqas il-kera; u illi s-somma ta' 5s. kuljum għall-kera tal-istess bar huwa kera irriżorju; talbu illi jiġi dikjarat u deċiż li l-iskrittura hija leżiva tad-drittijiet u krediti tagħhom u magħmula in frode għall-istess drittijiet, u għalhekk għandha tiġi rexissa għall-fini kollha tal-liġi di fronti għall-atturi, u annullata, b'effett minn notifika ta' din iċ-ċitazzjoni, u salvi d-drittijiet l-oħra kollha għad-danni. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-22 ta' Jannar 1957, li biha ġiet milqugħa t-talba bl-ispejjeż; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-azzjoni esperita mill-atturi hija manifestament dik li biha jiġu mpunjati l-attijiet magħmula in frode tal-kredituri, li jisimha revokatorja jew pawljana, fondata, kull tant, fuq ir-regola illi ħadd ma għandu jarrikkixxi ruħu b'detriment ta' ħadd ieħor, u kull tant fuq l-oħra illi kull ħadd huwa responsabbli għad-dannu li jkun ikkaġuna bil-fatt tiegħu proprju;

Illi l-kondizzjonijiet neċessarji għall-ammissibiltà ta' din l-azzjoni huma tnejn: l-att għandu jkun ta' preġudizzju lill-kredituri u jkun ġie magħmul bi frode;

Illi biex l-att ikun ta' preġudizzju lill-kredituri, iridu jikkonkorru tliet rekwiżiti:- Li d-debitur ikun insolvibbli; illi l-insolvibilità tkun tirriżulta, almenu in parti, mill-att impunjat, jiġifieri l-istess att ikun ikkawża jew aggrava l-insolvibilità tad-debitur, billi jkun iddiminwixxa l-patrimonju tiegħu; u fl-aħħarnett illi l-kreditu li minħabba fih l-att jiġi mpunjat ikun ta' data anterjuri għall-att;

Illi l-frode — it-tieni kondizzjoni neċessarja biex ikun hemm lok għall-azzjoni — hija dejjem neċessarja fid-debitur. Hija, mbagħad, neċessarja anki fit-terz, meta dan ikun ittratta mad-debitur b'titolu oneruż. Fi kliem ieħor, fl-atti gratuwiti jeħtieġ li l-attur jipprova l-frode da parti tad-debitur ("consilium fraudandi ex parte debitoris"), u dan hu biżżejjed għal dak li jirrigwarda l-estrem tal-frode, għaliex f'dan il-każ trattasi, għat-terz, "de lucro captando", u għall-kreditur "de damno vitando", u l-kreditur għandu jinstab f'kondizzjoni aħjar, għaliex f'kondizzjoni aħjar għandu jinstab min ikun qiegħed ifittex li jevita dannu minn dak li jkun irid jakkwista lukru; imma fl-atti b'titolu oneruż il-frode għandha tirriżulta minn naħa taż-żewġ kontraenti, jiġifieri l-kreditur, f'din l-ipotesi, għandu jipprova, oltre l-intenzjoni taddebitur li jiffrodah, il-komplicità tat-terz f'dik l-intenzjoni frawdolenta ("fraudis non ignorantia ex parte tertii"), il-għaliex fl-attijiet b'titolu oneruż it-terz u l-kredituri jinstabu fl-istess kondizzjoni li jevitaw dannu, u "in pari causa possessor potior haberi debet"; u jekk it-terz ikun in frode, hija ħaġa ġusta li jissopporta huwa l-konsegwenzi, billi l-frode ma għandhiex tippreġudika lil ħadd ieħor ħlief lill-awtur tagħha;

Illi l-intenzjoni frawdolenta tad-debitur hija preżunta meta huwa jkun għamel l-att preġudizzjevoli għall-kredituri fil-waqt li kien jaf li ġa kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tiegħu għandha tiġi faċilment ammessa, billi hija ħaġa inverosimili li wieħed ma jkunx edott mill-affarijiet tiegħu sa dak il-pont. Il-frode tat-terz, imbagħad, tirriżulta biż-żejjed, "in via di principio", mill-fatt illi huwa, fil-waqt li ttratta mad-debitur, kien jaf li dan kien ġa insolvibbli, jew li l-att kien sejjer iġib dik l-insolvibilità, purke', naturalment, ma jkunx għamel sempliċement att li ma jeskludix fl-ebda mod il-buona fede, speċjalment meta jkun irid jissalvagwarda l-interessi tiegħu leġittimi;

Illi jirriżulta pruvat li l-kreditu tal-atturi huwa anterjuri għall-lokazzjoni fuq riferita, u li dina saret meta l-konvenut Portanier kien ġa insolvibbli, u aggravat dik l-insol-

vibilità; u l-istess konvenut Portanier kien jaf li ġa kien insolvibbli, u l-konvenut l-ieħor Pirotta kien edott biżżejjed mill-insolvibilità tal-konvenut Portanier, billi kien il-"factotum" tan-negozju tiegħu, u kwindi kien jaf li dik il-lokazzjoni, żvantaġġuża għal Portanier, kienet sejra tkompli taggrava l-pożizzjoni ekonomika, l-insolvibilità ta' dan;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Victor Pirotta ...";

Rat il-petizzjoni tal-konvenut Pirotta, appellant, li biha talab ir-revoka tad-digriet u tas-sentenza appellati, fuq imsemmija, u l-laqgħa tat-talba tiegħu, magħmula fir-rikors tad-19 ta' Jannar 1957; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, preċedentement għall-ftehim magħmul bl-iskrittura tal-1 ta' Settembru 1955, l-appellant kellu ftehim ieħor ma' Portanier li jħallas lil dan Portanier 6s. kuljum għall-kiri talbar in kwistjoni. Bli ftehim tal-1 ta' Settembru 1955 il-kera sar bil-5s. kuljum. L-atturi ppretendew li f'dik l-aħħar kirja kien hemm frode tad-drittijiet tagħhom, għax il-kera kellu jġib iżjed, peress li fil-ftehim kienu nklużi l-ġranet tal-Karnival, u f'dawn il-ġranet il-qliegħ kien jissupera £200. Verament, mill-iskrittura ma jirriżultax li l-ġranet tal-Karnival ma kienux inklużi fit-termini tal-kirja u fl-eżerċizzju tal-bar da parti tal-appellant, għax l-iskrittura hija komprensiva; u li kien verament hekk, l-atturi, bħala kredituri ta' Portanier, kien ikollhom preġudizzju serju tassew. U fid-dikjarazzjoni tal-konvenuti l-inklużjoni ta' dawk il-ġranet fil-kirja tinsab espressament ammessa. Iżda, sew fil-petizzjoni tal-appellant Pirotta, kemm fil-verbal tat-8 ta' Marzu 1957, ġie dikjarat espressament li fil-fatt il-ġranet tal-Karnival mhumiex u ma kienux inklużi, u ebda pretensjoni fuqhom ma għandu l-appellant. Għaldaqstant, il-preġudizzju allegat mill-atturi jisvanixxi, u l-atturi ma allegaw ebda raġuni oħra biex juru li bl-esklużjoni tal-ġranet tal-Karnival mill-kirja magħmula bl-iskrittura in kwistjoni dak il-ftehim jibqa' preġudizzjevoli għad-drittijiet tagħhom kontra Portanier. U ladarba jonqos il-preġudizzju ma hemmx iżjed frodi tad-drittijiet tagħhom

da parti tal-appellant biex tiġġustifika l-azzjoni esperita mill-atturi;

Ikkunsidrat;

Illi l-pożizzjoni ġiet ikkjarata biss fl-istadju tal-appell, għaliex fl-istadju tal-ewwel istanza d-dikjarazzjoni tal-konvenuti u x-xhieda tal-attur Hector Pace kienu, fl-assenza ta' provi kuntrarji, jiġġustifikaw l-azzjoni. Għaldaqstant hemm lok għar-regolament infraskritt fuq l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell tal-appellant Pirotta, u tirrevoka fil-meritu s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-atturi; iżda tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru ta' din l-istanza kontra l-appellant, iżda l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata.